MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Numru 42/2014

Il-**Pulizija**

**(Spettur Edel M Camilleri)**

**vs**

**Mathy Moithie Lobeye Dayo**

**Bassoumba Moundele Viviane**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati:

**Mathy Moithe Lobeye Dayo** ta’ 16-il sena, imwielda Repubblika Congo bint Dayo Moithie u Ernestine Fim, imwielda Kinsasha fi 30 ta’ Settembru 1997, minghajr indirizz fiss f’Malta;

**Bassoumba Moundele Viviane** ta’ 36 sena, imwielda Repubblika Congo, bint Safoula Gabriel u Msona Josephine, imwielda Brazzaville fis-27 ta’ Lulju 1977, minghajr indirizz fiss f’Malta.

Akkuzati talli:

Fit-30 ta’ Dicembru 2013 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, taw jew hallew li jinghata xi prospett falz jew dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, kellhom fil-pussess taghhom passaport mahrug lil persuna ohra, kif ukoll ircevew passaport mahrug lil haddiehor. Dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi waqt l-ezami taghhom a tenur tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputati wiegbu illi huma hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom, liema ammissjoni huma regghu kkonfermawha wara li l-Qorti a tenur

tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9, tathom zmien xieraq sabiex jergghu jikkunsidraw din l-ammissjoni taghhom u jergghu lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati, kif ukoll fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputati hatja tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront taghhom.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fatt li l-imputati kkoperaw bis-shih matul l-investigazzjoni, in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, kif ukoll il-fatt illi l-Prosekuzzjoni m’hijiex tinsisti illi tinghata piena karcerarja effettiva u dan in vista tal-fatt illi diga` saru arrangamenti mal-Awtoritajiet Torok sabiex l-imputati jitilqu minn Malta lejn it-Turkija fis-6 ta’ Jannar 2014.

Fir-rigward tal-imputata Mathy Moithie Lobeya Dayo, il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputata ghadha minorenni u applikat ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront taghha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 61, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundanna lill-imputata Mathy Moithie Lobeye Dayo ghal piena ta' prigunerija ta' sena li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza u tikkundanna lill-imputata Bassoumba Moundele Viviane ghal piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qedgha tigi sospiza ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hatja, bi kliem semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------